MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1195/2003

**Raymond Mangion**

**vs**

**Elmo Insurance Agency Limited ghal Royal and Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijet ta' Brian John Farrugia u l-istess Brian John Farrugia u b'nota tas-6 ta' Mejju 2004 is-socjeta' Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc assumiet l-atti tal-kawza minflok Elmo Insurance Agency Limited ghal Royal & Sun Alliance Insurance plc**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) rapprezentanti rizarciment ta' danni ghal

deprezzament in vista tal-fatt li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni RGM 307 li kienet involuta f'incident stradali li sehh fid-27 ta Dicembru 2002 fl-Imsida fejn is-socjeta' konvenuta kienet assumiet responsabilita' ghall-incident. Il-vettura in kwisjtoni kienet inxtrat sitt xhur qabel ghall-prezz ta' Lm12,300.

Bl-ispejjes, komprizi Lm23.00 ta' l-ittra u consult u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-17 ta Settembru 2003 fejn l-attur ceda t-talba tieghu kif diretta kontra Brian John Farrugia.

Ra r-Risposta tas-socjeta konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

1. In-natura u l-entita' tad-danni li taghhom l-attur qed jippretendi rizarciment huwa kontestat ghaliex ma jirrispekkjawx id-danni li attwalment, realment u materjalment garrab bhala konsegwenza tal-incident in ezami.

2. Il-konvenuti m'ghandhomx ibaghut spejjes gudizzjariji.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema x-xhieda tal-attur, ta' Edgar Galea u ta' Natalino Agius. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ROM 307 propjeta ta' l-attur kienet involuta f'incident stradali li sehh fis-27 ta' Dicembru 2002, l-Imsida ma' vettura ohra misjuqa minn Brian John Farrugia assikurat mas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta kienet accettat li l-assikurat taghha kien responsabbli ghall-imsemmi ncident u irrifondiet lis-socjeta assikuratrici ta' l-attur, li kien assikurat taht polza tat-tip C*omprehensive*, l-ispejjes rigwardanti r-

riparazzjonijiet u t-tibdil ta' *parts.* L-attur jikkontendi li wara li saru r-riparazzjonijet il-vettura tieghu ma gietx lura kif kienet qabel u jsostni li kien hemm *depreciation* fil-valur taghha.

Mill-provi rrizulta li sar *survey* tal-hsarat riportati fil-vettura in kwistjoni mis-*surveyor* Natalino Agius li kien is-*surveyor* imqabbad mill-assikurazzjoni ta' l-attur u li t-tiswijiet saru skond dan is-*survey*. Mis-*survey report* relattiv li jinsab esebit a fol. 55 tal-process jidher li l-vettura kellha hsara fuq in-naha tal-lemin, precizament fir-rota, *mudguard* u l-bieba tax-xufier. Il-prezz kumplessiv tar-riparazzjonijiet u bdil tal-*parts* kien ta' Lm854.00.

It-Tribunal jidhirlu li l-attur bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li kien hemm deprezzament fil-valur tal-vettura tieghu bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku imsemmi. L-uniku xhud prodott minnu fir-rigward, liema xhud jista' jitqies li huwa expert *ex parte* ghaliex kien is-*surveyor* imqabbad mill-assikurazzjoni tal-attur stess, u cioe s-*surveyor* Natalino Agius, spjega li fl-opinjoni esperta tieghu ma kien hemm ebda tibdil jew tnaqqis bejn il-valur tal-vettura qabel l-incident u dak wara li saru r-riparazzjonijet. Huwa ippreciza li l-vettura ma kellha ebda hsara strutturali u qal li 95% ta' l-affarijiet jew *parts* li nbidlu gew ibboldjati u dan ifisser li ma kienx hemm differenza bejn il-kundizzjoni tal-vettura qabel ma sehh l-impatt u l-kundizzjoni taghha wara li gew effetwati t-tiswijiet. Dan ix-xhud spjega wkoll li r-riparazzjonijiet saru minn garaxx illi huwa klassifikat bhala A *standard* fil-klassifika apposita li ghamlu l-assikurazzjonijiet u li l-*parts* li ntuzaw kienu kollha originali u nxtraw minghand l-agent tal-manifattur tal-vettura in kwistjoni.

L-attur ma ressaq ebda prova ohra sabiex jissostanzja dak minnu allegat in kwantu jirrigwarda d-deprezzament fil-valur tal-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------